# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 67/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 9 ta' Novembru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Hal Kirkop fl-16:58hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Assenti:

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

67.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsilliera Ritienne Caruana ma attendietx għal din il-laqgħa mingħajr ma infurmat lill-Kunsill.

67.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsillier Cody Galea kien informa li kien ser jasal ftit tard.

## 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 65

67.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 65 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 67.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 66 (B'Urġenza)

67.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 66 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 67.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

67.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu laqgħa mal-Cleansing Department rigward proġett li l-Gvern Ċentrali ħejja bejn diversi entitajiet biex jidħlu f'kull lokalità u jagħmlu l-manutenzjonijiet meħtieġa. Dawn jinkludu l-Enemalta, il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, il-Public Works, l-FTZD u oħrajn.

67.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-kumpanija Multigas fejn infurmaw lill-Kunsill li ser ikun hemm bidla fis-CEO. Il-Kunsill iltaqa' wkoll mas-CEO li ser ikun qed jibda fil-kariga fis-sena l-ġdida.

67.4.2.1 Is-Sur Michael Mifsud qal li l-kumpanija qegħda dejjem iżżid l-awditjar biex bi trasparenza tgħolli l-livell ta' sigurtà fl-impjant.

67.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu laqgħa mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu fejn ġiet diskussa l-problema li qed isibu l-għaqdiet lokali biex tinkera s-sala tal-Iskola Sekondarja minħabba l-prezzijiet għoljin li qed jintalbu. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill talab biex din tingħata lill-għaqdiet mingħajr ħlas iżda l-Prinċipal qalet li dan ma jistax ikun minħabba l-ispejjeż ta' manutenzjoni u kif ukoll tal-ħaddiema li jnaddfu, jħaddmu l-apparat, etċ.

67.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal ukoll li f'din il-laqgħa ġie diskuss ukoll is-self tal-parkeġġ għal waqt l-attività Gigantic, fejn il-Kunsill ġie mitlub li jkollu uffiċjal tas-sigurtà waqt li l-parkeġġ ikun miftuħ. Il-Kunsill ser ikun qed jara din l-ispiża kemm hi biex jara jekk hux vijabbli li dan jinfetaħ.

67.4.3.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-użu tal-ground tal-Kumitat FC mill-iskola u staqsa kif għal dan mhux qed jingħata kumpens għall-ispejjeż. Il-Prinċipal infurmata li fil-kuntratt li hemm mal-Forzi Armati hemm klawsola li tgħid li l-iskola għandha dritt li tuża il-grawnd tal-futbol għal-lezzjonijiet filgħodu.

67.4.3.3 Il-Kunsilliera ddiskutew il-punti mitkellma mal-Prinċipal tal-iskola u kien hemm qbil li tintbagħat *email* lill-Ministru tal-Edukazzjoni fejn nitolbu l-għajnuna tiegħu fir-rigward tal-użu tas-Sala tal-Iskola mill-għaqdiet bħala kumpens għall-effetti li l-Kulleġġ ħoloq fuq il-lokalità ta' Ħal Kirkop.

67.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija fejn qed iffitxu l-appoġġ tal-Kunsill biex in-Naħla Maltija issir l-Insett Nazzjonali ta' Malta.

67.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop jagħti l-appoġġ tiegħu għal din l-inizjattiva.

67.4.4.2 Apparti hekk il-Kunsilliera qablu wkoll li l-Kunsill jiffirma l-*Memorandum of Understanding* li kien mibgħut mill-*Malta Beekeepers Association*.

67.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Iskola Medja rigward ħlas għal trasport għall-istudenti u l-għalliema biex jattendu l-l-EkoSkola Green Flag Award 2023.

67.4.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li bħalissa l-Kunsill m'huwiex f'qagħda finanzjarja li jgħin.

67.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-LEAP! rigward infestazzjoni ta' *termites* fl-uffiċini. Huma infurmawna li ser ikunu qed jaħdmu għal ħmistax mill-Uffiċċju l-ieħor tagħhom f'Marsascala sakemm jirranġaw il-post u imbgħad jerġgħu jibdew joperaw minn hemmhekk.

67.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea daħal għal-laqgħa f'dan il-ħin. Il-ħin f'dan l-istadju kien il-17:15hrs.

67.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-Melita rigward is-servizz tal-Wi-Fi f'żoni pubbliċi li sa ftit żmien ilu kien offrut u ffinanzjat minn *tech.mt*.

67.4.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qalu li l-Kunsill ma għandux bżonn dan is-servizz minħabba li l-postijiet huma koperti mis-servizz tal-WiFi4EU.

67.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-Iskola Medja rigward il-promozzjoni tal-attività Gigantic fejn ġie mistieden rappreżentant tal-Kunsill biex jitkellem dwar din l-attività mal-istudenti waqt l-*assembley*.

67.4.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li tinstab data fejn is-Sindku jkun jista' jmur fl-Iskola Medja biex jagħti din l-informazzjoni.

67.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand kumpanija biex tintuża l-*istreet furniture* fi Triq l-Industrija għal riklam.

67.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u kien hemm qbil li din it-talba ma tistax tiġi milqugħa.

67.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu laqgħa mas-Surmast tal-Iskola Sekondarja fejn ġew diskussi diversi punti u jidher li hemm qbil li naħdmu flimkien rigward il-proġett us4EU fejn laqgħa minnhom issir fl-Iskola Sekondarja bil-parteċipazzjoni tal-istudenti.

67.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu talba mill-impjegata ssekondata mal-Kunsill biex iżżid is-siegħat tagħha.

67.4.12.1 Il-Kunsilliera laqgħu din it-talba għaliex din il-ħaddiema tagħti ħafna xogħol lill-Kunsill u tgħin ħafna f'kull qasam.

67.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar EV Charging Pillars u xi siti proposti għal dawn.

67.4.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u ikkonfermaw li huma jaqblu biss ma żewġ siti li huma s-sit fi Triq il-Fdal Paleokristjan u s-sit fi Triq l-Industrija. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

67.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva pjanti modifikati ta' Ġnien Rousset. Is-Sindku kompla jgħid li l-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi kien talab laqgħa mal-Kunsill u fiha ser ikun qed jiġi diskuss dan il-proġett u kif ukoll il-fond Sebbaħ Pajjiżek.

67.4.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew il-pjanti proposti u qablu mal-proġett iżda għandhom xi riżervi.

67.4.14.2 Il-Kunsillier Cody Galea qal li għandu riżervi dwar il-parti tal-bandli minħabba l-ispejjeż għall-manutenzjoni u kif ukoll li din il-parti kienet tintuża mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp għall-attività tagħhom.

67.4.14.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma jsibx oġġezzjoni għal dan il-proġett, biss jara li għandu jkun hemm strutturi tal-logħob li ma jkunx fihom spejjeż ta' manutenzjoni biex il-Kunsill ikun jista' jżomm il-ġnien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

67.4.14.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li jaqbel mal-Kunsilliera sħabu biex hekk il-Kunsill ikun jista' jinżamm fi stat tajjeb matul is-snin.

67.4.14.5 Is-Sindku Terence Agius qal li għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-Ministeru biex jiġi ffirmat MOU dwar dan il-proġett.

## 67.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

67.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-kennies u qal li hemm postijiet li ilhom ħafna ma jinkinsu.

67.5.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jitkellem mal-kuntrattur u jinfurmah li l-kennies għandu jiġi l-uffiċċju tal-Kunsill kuljum u jinforma liema toroq ikun għamel.

67.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-ġardinar u qal li hemm bżonn li jsir aktar xogħol għax neqsin mit-tisqija.

67.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li għandha tissejjaħ laqgħa mal-kuntrattur fejn tiġi diskussa skeda tax-xogħlijiet li hemm bżonn isiru ġimgħa b'ġimgħa.

67.5.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar l-andament tax-xogħlijiet li qed isiru fi Triq San Pietru.

67.5.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-pjan ta' Infrastracture Malta huwa li l-ewwel parti ta' Triq San Pietru ('il parti ta' quddiem il-Multigas) ser tkun lesta sal-aħħar ta' Novembru, l-iktar nofs Diċembru 2023.

67.5.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar l-art fi Triq Nerik Xerri u jekk din kellniex xi risposta fuqha minn naħa ta' Project Green.

67.5.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jerġa' jitkellem dwar dan u li jekk jara li mhux se naslu tintbagħat korrispondenza lill-Prim Ministru biex ninfurmawh b'din l-art u bi problemi oħra li qed jaffaċċja l-Kunsill meta jiġi biex iwettaq proġetti.

67.5.5 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar arblu għal bandiera fid-daħla ta' Ħal Kirkop.

67.5.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lill-Viċi Sindku jistħarreġ il-possibilità fejn tista' ssir blokka u terġa' tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

67.5.6 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar Triq il-Barrieri u jekk din tistax issir *one way*.

67.5.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni biex tinħadem *traffic management* għal Triq il-Barrieri u Triq Salvu Sacco biex tissolva l-problema ta' konġestjoni li qed ikun hemm fil-*cross road* ma' Triq San Pietru.

67.5.7 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ma għandu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju peress li l-affarijiet li kellu kienu ġew diskussi.

67.5.8 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma għandu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju peress li l-affarijiet li kellu kienu ġew diskussi.

## 67.6 Rapport tal-Ilmenti

67.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward *double yellow lines* li saru minn xi individwu fi Triq San Rokku.

67.6.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li dawn għandhom jitneħħew immedjatament għax ħadd ma jista' jaqbad u jagħmel sinjali fit-toroq bla permess.

67.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 67.7 GIGANTIC – *Kirkop's Local Christmas Market*

67.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li x-xogħol fuq l-attività 'GIGANTIC – Kirkop's Local Christmas Market' kien miexi ġmielu u l-Kunsill kien għaddej bil-preparamenti.

67.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-konkorrenza mill-vendituri kienet waħda kbira ħafna u kien hemm rikjesti kontinwi biex jarmaw l-istalls. Dan jawgura tajjeb għal din l-attività li jidher li hija waħda popolari, mhux biss mar-residenti tal-lokalità iżda wkoll minn irħula oħra. Fir-rigward ta' stalls, għal din is-sena ser tintrama wkoll Misraħ iż-Żerniq.

67.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienu qed jinġabru kwotazzjonijiet għad-diversi servizzi li kien hemm bżonn għal din l-attività. Il-Kunsilliera qalu li l-Kunsill għandu jmexxi bl-orħos offerti fejn hu vijabbli.

67.7.4 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kirkop Paegant Group kienu ser jieħdu sehem ukoll bl-organizzazzjoni tal-Presepju Ħaj li din is-sena ser isir fil-bitħa ta' mal-grawnd tal-Iskola Primarja.

67.7.5 Is-Sindku kompla jgħid li l-Għaqda Mużikali San Leonardu u s-Soċjetà Mużikali San Ġużepp ukoll ser ikunu parteċipi f'din l-attività permezz ta' stalls f'Misraħ Ħal Kirkop u f'Misraħ San Leonardu rispettivament.

67.7.6 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill ħa ħsieb ukoll li jkollu 'Children's Area' u 'Family Area' biex kulħadd ikun komdu u jkun jista' jgawdi din l-attività.

67.7.7 Il-preparamenti dwar l-esebizzjoni 'Sejjieħ .. u lil hinn' mill-Artist Clint Grech ukoll kienu mexjin tajjeb.

## 67.8 Proġett us4EU – Event III – 13-16 Dec - Ħal Kirkop, Malta

67.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien komunikat aktar kmieni, it-tielet laqgħa tal-Proġett Ewropew us4EU bit-tema 'Strengthening European Identity in Times of Crises', ser issir f'Ħal Kirkop bejn it-13 u s-16 ta' Diċembru, 2023.

67.8.2 Is-Sindku Terence Agius qal li s-Segretarju Eżekuttiv kienet qed tikkordina mal-Iskola Sekondarja biex waħda minn dawn il-laqgħat issir hemmhekk. Il-laqgħa l-oħra ser issir fis-sala tal-Kunsill.

67.8.3 Is-Sindku kompla jgħid li s-Segretarju Eżekuttiv kienet ukoll qed taħdem fuq il-programm kollu flimkien mal-organizzaturi ta' dan il-proġett.

67.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tat informazzjoni dwar il-programm tat-tielet laqgħa hekk kif imħejji mill-organizzaturi tal-proġett.

67.8.5 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-proġett u qalu li ser ikunu qed jgħinu lis-Segretarju Eżekuttiv fix-xogħol ta' dan il-proġett.

## 67.9 Festin tal-Milied għall-Familji

67.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kienu bdew il-preparamenti biex għal sena oħra jiġi organizzat il-festin tal-Milied.

67.9.2 Din is-sena dan il-festin ser isir nhar it-Tnejn, 18 ta' Diċembru fis-Sala tal-Kunsill.

67.9.3 Is-Sindku qal li kienu nġabru kwotazzjonijiet għal dan il-festin.

67.9.4 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-kwotazzjonijiet u qablu li tingħażel l-orħos kwotazzjoni.

## 67.10 Il-Milied f'Ħal Kirkop – Attività bil-*Father Christmas*

67.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kienu bdew il-preparamenti biex għal sena oħra tiġi organizzata l-attività bil-Father Christmas idur it-toroq ta' Hal Kirkop, bit-tema 'Il-Milied f'Hal Kirkop'.

67.10.2 Din is-sena din l-attività ser issir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Diċembru, 2023.

67.10.3 Din l-attività ser tkun tikkonsisti f'dawra mar-raħal mill-Father Christmas bl-islitta, fejn kulħadd ikun jista' jsegwi mit-twieqi u l-gallariji tad-dar u t-tfal jinżlu jiltaqgħu miegħu u jieħdu xi ritratt tal-okkażżjoni.

## 67.11 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

67.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-evalwazzjoni tat-tender dwar l-offerta tal-knis ta' toroq kienet għada ma ġietx iffinalizzata u kienet għada qed tiġi diskussa. Din ser tiġi diskussa fis-sena l-ġdida.

67.11.2 Għal dan il-għan il-Kunsilliera kkonfermaw li jkomplu bis-servizz ta' emerġenza, kif maqbul f'seduta nru. 63, minuta 63.3.6, biex Ħal Kirkop ikollu kennies u ma jispiċċax mingħajr servizz tal-knis.

## 67.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

67.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 143 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

67.12.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 143 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 67.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

67.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

67.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 6 ta' Diċembru, 2023 fl-16:30hrs.

67.13.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:55hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 6 ta' Diċembru, 2023

**Mozzjoni Ref:** 336/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 65.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 337/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 66.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 338/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 143.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Novembru, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**